# MINN HAWN U MINN HEMM

## AHBARIJIET TA' BARRA

*Il-Kappella tal-Gurdan* — Il-Franġiskani għamlu tibdil fil-kappella li għandhom fuq xatt ix-xmara tal-Gurdan, fin-naħa sewwa fejn tgħammed Ġesù. Dil-kappella twila għaxart ixbar Ingliżi u wiesgħa disa'. Il-faċċata tagħha għamluha tal-ħġieġ kollha u fit-tliet faċċati l-oħra għamlu twieqi kbar tal-ħġieġ ukoll, nekk li n-nies jistgħu jaraw u jisimgħu l-quddies minn barra. Fuq il-kappella għamlu koppla żgħira bi tmiem taċċati u ġewwa artal żgħir taċ-ġebla bajda ta' Betlehem. Fil-koppla minn ġewwa dendlu ħamiema tal-bronż maħsula bilfidda tifkira tal-ħamiema li dehret meta tgħammed Ġesù.

*Tliet Franġiskani Ġodda.* — Żewġt aħwa Għarab, kierki Franġiskani u ieħor Spanjol għamlu l-professjoni solenni tagħhom fil-kappella ta' fuq il-Kalvarju, quddiem l-artal tad-Duluri (dik id-Duluri li tagħmel ħafna mirakli, li semmejnieha kemm il-darba f'dan il-Qari). Dawn il-Franġiskani ġodda huma Fra Ċensu u Fra Filippu Mistrieħ (iż-żewġt aħwa) u Fra Ġużeppi Rivas (l-Ispanjol).

*Qlib ta' Lhud u Nsara.* — Fit-taqsima tal-Palestina li jgħidulha Israel dawk il-Lhud li jkunu jridu jaqalbu Insara, isibu tfixkil kbir minn sħabhom; imma jekk xi Nisrani jkun irid jaqleb Lhudi, jilqgħuh bil-qalb. Ir-Rabbi l-Lhudi l-kbir ta' New York, Rabbi Majmun, qal li lilu ma togħġbu ebda qalba minn din għal ieħor, imma li xi Nsara jaqalbu Lhud hija ħaġa tajba, "biex il-knisja Nisranija tagħraf dak li hi..." Ta' min isaqsih xi jrid jgħid bihom dawn l-aħħar kelmiet u ta' min iħajjru jagħti *libertà* sħiħa f'Israel, ħalli jara kemm jaqalbu l-aktar, Lhud jew Insara!...

*Is-Suldati f'Israel* — F'Israel hemm Liġi li kull ħadd għandu jagħmilha ta' suldat; imma bħal issa għiejed isir hekk: il-Lhud isiru suldati kollha; l-Insara jekk iridu; il-misilmin ma jsirux, iridu u ma jridux.

*Il-Palazz ta' Erodi l-Kbir.* — Sar taħfir fuq ġebel għoli qrib il-Baħar il-Mejjet fejn kienet tinsab il-Qalgħa jew *fortizza* ta' Masda fejn Erodi l-Kbir kellu palazz. Hemmekk ingħalqu l-aħħar Lhud fil-gwerra ta' żmien Vespesjanu u Titu. It-taħfir wera kemm kien kiteb sewwa Jusef Flavju meta fisser kif dawk il-Lhud li kienu mdawwrin bir-Rumani fis-sena 73, l-ewwel ħarqu kull ma kellhom imbagħad qatlu wieħed lill-ieħor. Ħallew qawwijin u sħaħ il- ħwejjeġ tal-ikel, biex juru lir-Rumani li għamlu dan minn rajhom, m'hux għax kienu bil-ġugħ. Waqt it-taħfir inkixfu ħażniet ta' ikel u ħażniet ta' armi wkoll.

*Il-Maħrubin Għarab għand il-Papa.* — Sa tinbgħat delegazzjoni Għarbija għand il-Papa biex tiżżih ħajr ta' kemm ġid għamel u kemm tħabat għal dawk il-Għarab li sfaw bla dar, filħarb, jew gwerra ta' bejn il-Għarab u l-Lhud. Dawn li sa jmorru Ruma sa jkunu magħżulin mis-Sirja, mill-Ġordanja minn Liban u minn Gaża.

*Seminarju Lhudi.* — Hotel Salvja, lukanda *first Class,* il-Lhud sa jbiddluha u sa jagħmluha bħal seminarju għaż-żgħażagħ tagħhom li jridu jsi-

ru Rabbin. Is-seminarju sa jkun f'idejn ir-Rabbi l-Kbir ta' Ġerusalem, Rabbi Iżħak Nassim. Ħafna minn dawn ir-Rabbin jitħejjew biex jinbagħtu f'artijiet barra l-Palestina fejn hemm il-Lhud, biex ma jħallux lil dawn jibirdu fid-Din tagħhom meta jitħalltu mal-barranin.

*Medalja lil Patri Franġiskan* — Il-President tas-Sirja għoġbu jagħti l-Medalja tal-Istiħqaq Għarbi lil Patri Anton Gagħfar, O.F.M., li kien żmien twil Direttur tal-Kulleġġ ta' Aleppo. Il-festa kienet immexxija mill-Eċċ. Tiegħu Mins. Dirra, Għarbi, Prefett tal-belt ta' Aleppo, li hu wkoll kien imrobbi fil-Kulleġġ tal-Franġiskani ta' hemm.

*Il-Għadd tan-Nies fil-Ġordanja.* — Fit-taqsima tal-Palestina li jgħidulha Ġordanja, jiġifieri dik it-taqsima li hija taħt idejn il-Għarab, m'ilux wisq sar il-għadd tan-nies. Billi fi żmien il-gwerra ta' bejn il-Għarab u l-Lhud tas-sena 1948 bosta Għarab ħarbu lejn il-Ġordanja, dan il-pajjiż kiber sewwa fil-għadd. Instab li issa hemm nies mal-miljun u erba' mitt elf (1,400,000). Fost dawn, it-tfal u ż-żgħażagħ li jmorru l-iskola huwa ta' 15.6 fil-mija. Minn dawn, 13.7 fil-mija jmorru l-iskejjel tal-ewlenija, jew *primarji* u 1.9 fil-mija jmorru l-iskejjel *sekondarji*, jew tal-imqaddmin.

*In-Nar fil-Qabar ta' Kristu.* — Billi f'anqas minn għaxar snin il-Qabar ta' Kristu kien sa jieħu n-nar darbtejn, il-Ħakem ta' Ġerusalem qata' li l-Bażilka għandha tkun imħarsa sewwa. Għal hekk amar li r-Rħieb li jgħammru fil-qrib tal-Qabar ta' Kristu, ikollhom il-pompi tat-tifi u jkunu mħarrġa li jitfu n-nar. Li dak kollu li jista' jieħu n-nar u li ma hux meħtieġ fil-Bażilka, jitneħħa minn hemm u jittieħed naħa oħra. Li tiddendel qanpiena barranija li tindaqq biss meta jsir xi ħruq. Li kull xogħol tal-għewwied li jinsab fil-Bażilka, ikun imxarrab bl-ilma tat-tifi (antinċendjarju). Li jinżammu żewġt irġiel fil-Bażilka li x-xogħol tagħhom ikun li jduru u jaraw ikunx hemm xi mkien xi tiġrib ta' ħruq, u li dawn ikunu mħallsa mir-Rħieb Franġiskani, Griegi u Armeni. It-Tliet Riti flimkien wieġbu lil Ħakem hekk: "Tassew li hu meħtieġ li kull ħaġa tal-għewwied tixxarrab bl-ilma tat-tifi u li jkun hemm nies imħarrġa u jkollhom l-għodda biex jitfu n-nar. Mill-bqija ma hu meħtieġ xejn aktar, billi issa sa jinbeda x-xogħol tat-tiswija."

*Id-Drużi u l-Lhud.* — Dik ix-xorta ta' Għarab li jgħidulhom Drużi (li Dinhom huwa Din moħbi u ħadd ma jaf kif inhu sewwa) stqarrew dal-aħħar li jekk il-Għarab jaħbtu għall-Israel, huma jżommu mal-Lhud u jagħtuhom il-għajnuna kollha li jistgħu biex ma jkunux megħluba.

*Ħalfa fuq Qabar.* — Ftit ilu, meta r-re tal-Ġordanja Ħsien I mar jagħmel żjara lill-President tas-Surija, dawn marru flimkien jagħtu qima lill-Qabar ta' Saleħ id-Din, ħarrieb mill-akbar tal-Għarab u raġel tajjeb għall-aħħar, li għaleb lill-Insara u ħadilhom lil Ġerusalem fis-sena 1187. Il-President tas-Surija, quddiem it-tebut tar-rħam fejn jinsab il-għadam ta' Saleħ id-Din, qal dan il-kliem: "Fuq il-qabar tal-Kbir Saleħ id-Din li ħares lil Ġerusalem u ħeles mill-barranin l-artijiet tal-Għarab, ir-re Ħsien u jien, naħalfu quddiem Alla u nwegħdu lil Saleħ id-Din li nibqgħu naħdmu b'ħilitna kollha għall-ħarsien u l-ħelsien ta' l-Imkejjen Imqaddsa u tal-art tal-Għarab".

### JUM IL-QABAR TA' KRISTU

F'dawn l-aħħar tliet xhur, il-ġabra għall-ħtieġiet tal-Imkejjen Imqaddsa ta' Ġerusalem, għamilnieha fil-knejjes ta' dawn ir-rħula li ġejjin.

Ottubru: il-Mellieħa, Ħal Lija u r-raħal ċkejken ta' Selmun, qrib San Pawl il-Baħar.

Novembru: L-Imġarr ta' Malta, Birkirkara, il-Marsa u Ħ'Attard.

Diċembru: in-Naxxar, Ħal-Għaxaq, il-Qrendi, Ħal Balzan, is-Siġġiewi u Ħad-Dingli.

Kull fejn morna, il-ġabra ma kenitx ħażin, għal daqs il-kobor u ċ-ċokon tar-raħal. Il-Kappellani tal-knejjes ta' kull fejn morna laqgħuna b'qalb kbira u ħanina u tawna kull xorta ta' għajnuna li kienet tinħtieġ. Niżżuhom ħajr bil-qalb fl-isem tar-Rev.mu Patri Kustodju tal-Qabar ta' Kristu.

Niżżu ħajr ukoll bil-qalb kollha lil poplu ta' kull pajjiż li semmejna, għax bil-għajnuna li għoġbu jagħtina, wera kemm hu għal qalbu l-Qabar ta' Kristu, bħal ma minn dejjem kien, mill-antik nett, għal qalb misserijietna. Ġesù jagħtihom il-barka tiegħu bħala ħlas minn did-dinja u rahan għal ħajja ta' dejjem fl-oħra.

### WARA L-PELLEGRINAĠĠ

Varese, 19 ta' Settembru, 1956.

Wisq Rev. Patri Kumissarju,

Nitma li dil-ittra ssibek qawwi, sħiħ u mistrieħ mill-għejja tal-Pellegrinaġġ.

Inħoss il-ħtieġa u d-dmir li nfissirlek kemm bqajt mistagħġeb bil-Fidi qawwija u tas-sew Nisranija li wrew il-għeżież Pellegrini Maltin tiegħek, ma' tul iż-żjarat tagħhom fl-Art Imqaddsa. Għandi f'moħħi t-tifkira għażiża tat-tjieba u tal-imġieba ħelwa tagħhom, u nitlob lil Alla li jagħtini l-grazzja li narġa' nmexxi Pellegrini oħra minn tiegħek fil-Pajjiż ta' Ġesù.

Nitolbok, Wisq Rev. Patri, li twassilhom il-koll kemm huma t-tislijiet tiegħi u x-xewqat bil-qalb ta' kull ġid u hena. Nitolbhom li jiftakru fija fit-talb imħeġġeġ tagħhom, biex il-Providenza t'Alla tkun ta' għajnuna lili u lil familja tiegħi, li għaddejna minn tiġrib kbir fil-ġrajjiet tal-aħħar gwerra, u li l-hemm tagħhom għadna nħossuh s'issa.

Nixtieq inħajjrek, Wisq Rev. Patri, biex ixxerred kemm tista' fil-pajjiż tiegħek it-tagħrif fuq l-Art Imqaddsa, biex it-twajba Maltin ta' dik il-Gżira jiġu b'għadd akbar f'Pellegrinaġġ ieħor immexxi minnek, u jien minn issa nħalli ruħi f'idejk għat-tqassim u t-tmexxija taż-żjajjar ta' dak il-Pellegrinaġġ, li bihom nagħtik il-kelma, li kull ħadd ikun hieni. Mill-ġdid nixtieq kull xorta ta' ġid lil għeżież Pellegrini tiegħek; u lilek, Wisq Rev. Patri, inweghdek li t-tifkira għażiża tiegħek tibqa' dejjem f'moħħi, u nibgħatlek tislija barranija.

Inbuslek idejk u nistqarr li jien qaddej tiegħek,

GIOV. B. DELLA FIORE.

### IMSEĦBIN ĠODDA

Aquilina R., l-Imsida; Agius Lorenzo, Bormla; Azzopardi Emmanuele, Gudja; Agius John, Sliema; Attard Salvatore, Bormla; Azzopardi Lorenza, l-Imsida; Azzopardi Giovanni, l-Imsida; Azzopardi Carmelo, Rabat; Abdilla Carmelo, Safi.

Betts V., l-Imsida; Brincat Giuseppe, Balzan; Balzan Carmelo, l-Imsida; Bajjada Teresa, l-Imsida; Borg Antonio, Ħamrun; Buttigieg Giuseppe, Ħamrun; Bugeja Marija, Sliema; Borg

G., Hamrun; Buttigieg Assunta, l-Imsida; Barbara Concetta, Bormla.

Camilleri Polly, l-Imsida; Cauchi Gerardo, Valletta; Coleiro John, Valletta; Capurro, Mons. Raffaele, Sliema; Camilleri Carmelo, Sliema; Camilleri Carmelina, Sliema; Cutajar Giuseppe, Bormla; Camilleri Ester, Bormla.

Demicoli E., l-Imsida; Demicoli Delina, l-Imsida.

Ellul Paolo, Furjana; Ennu Teresa, Rabat.

Farrugia Mary, Marsa; Farrugia Luisa, Marsa; Fenech Cajetano, Rabat; Falzon Carmela, l-Isla.

Ghilford Carmela l-Isla; Ghirxi Concetta, l-Isla; Grima Emmanuela, l-Isla; Galea Carmelo, l-Isla; Giliberti Teresa, Sliema; Grech Adelaide, Valletta.

Hampton Borg T., Furjana.

Licari Giuseppa, l-Isla.

Micallef Rosa, Birkirkara; Montanaro C., l-Imsida; Mamo R., l-Imsida; Mahony Tomaso, l-Isla; Mifsud Concetta, Żebbuġ; Muscat C., Valletta; Mifsud Marija, Sliema; Mangion Crispin, Sliema.

Pace Giuseppa, Valletta; Persiano Rosy, Valletta; Pizzuto Mary, Valletta.

Rizzo Mary, Tarxien.

Sant Fournier Carlo, Sliema; Stivala Carlo, Valletta; Schembri L., l-Imsida; Stone J. Birgu; Scicluna, Rev. Giovanni, Gudja; Sgendo M.A., Gudja.

---

✝

## REQUIESCANT IN PACE

**Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.**

PAUL GOUDER, li miet l-Imsida fis-27 ta' Settembru 1956.

CARMELA BRINCAT, li mietet Ħal Luqa fl-1 ta' Lulju 1956.

SPIRIDIONE FARRUGIA, li miet il-Ħamrun fl-20 ta' Lulju 1956.

SALVATORE FARRUGIA, li miet Birżebbuġa fid-9 ta' Ottubru 1956.

ANNETTA FARRUGIA, li mietet Birżebbuġa fis-16 ta' Ottubru 1956.

CARMELA GALEA, li mietet il-Marsa fit-30 ta' Ottubru 1956.

ANTONIO SCICLUNA, li miet ir-Rabat, Għawdex, fit-3 ta' Novembru 1956.

TERESA CIAPPARA, li mietet Ħal Luqa fil-15 ta' Settembru 1956.

GIUSEPPE ZAMMIT, li miet Ħal Luqa fl-24 ta' Awissu 1956.

GIUSEPPE ZAMMIT, li miet In-Naxxar fis-27 ta' Ġunju 1956.

CARMELO BONNICI, li miet In-Naxxar fis-16 ta' Awissu 1956.

SALVATORE DEGUARA, li miet il-Ħamrun fl-10 ta' Marzu 1956.

CARMELO GALEA, li miet fit-30 ta' Ottubru 1956.

ROŻINA MIFSUD, li mietet Ħal Luqa fit-8 ta' Ottubru 1955.

MAKSIMILLA ZAMMIT, li mietet Ħal Luqa fis-17 ta' Ġunju 1956.

MARIJA GIUSEPPA ZARB, li mietet Ħal Luqa fid-9 ta' Settembru 1956.

CARMELA SCHEMBRI, li mietet Ħal Tarxien fil-21 ta' Diċembru 1946.

FRANCESCO SCHEMBRI, li miet Ħal Tarxien fid-19 ta' Mejju 1946.

GIUSEPPE VELLA, li miet In-Naxxar fil-15 ta' Settembru 1903.

**Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.**

# ĊIFRI LI JITKELLMU WEĦIDHOM

## IL-ĦIDMA TAL-KUSTODJA FRANĠISKANA TAT-TERRA SANTA

### ĦIDMA RELIĠJUŻA

21 Santwarji
45 Kappelli
39 Parroċċa b'85,000 fidili
11 Knejjes Sukkursali
31 Kappellaniji
64 Kunventi
402 Missjunarji
2 Kulleġġi Serafiki
70 Kummissarjati mxerrdin mad-dinja kollha
1 Delegazzjoni tat-Terra Santa f'Ruma.

### ĦIDMA SOĊJALI

30 Skola għall-bniet u għas-subien, b'aktar minn 6,000 tfal
6 Kulleġġi b'1,800 edukandi
3 Orfanatrofji
8 Offiċini tas-snajja
2 Tipografiji
1 Fotozingografija
1 Kalvonoplastika.

# ĦIDMA TA' GĦAJNUNA

**Lill-Imgħakksin:**

Il-Kustodja tat-Terra Santa għandha DJAR, li hi tikri mingħajr ebda ħlas lill-insara fqar. Meta l-għadd ta' familji nsara jgħaddi l-għadd tad-djar il-Kustodja tgħinhom bil-flus biex jidħlu taħt saqaf ieħor.

**Ħobż ta' Sant'Antnin:**

F'Kunvent wieħed biss ta' Ġerusalemm, li hu dak ta' San Salvatur, jiġu mqassma iktar minn 2,000 ħobża kull jum u fuq 850 platt minestra lill-fqar, ikunu x'ikunu.

**Għajnuniet oħra:**

Fuq 800 xjuħ, irġiel u nisa, hemm miġburin fl-ażili tal-Kustodja; 1,300 razzjon ħalib jingħataw kull jum lit-tfal; kotba, pitazzi u ħtiġijiet ta' l-iskola jiġu mogħtija b'xejn lil 3,200 tfal foqra; u għadd kbir ta' morda jiġu mdewwijin u kkurati fl-isptarijiet u spiżeriji tat-Terra Santa.

**Lir-Rifuġjati tal-Gwerra tal-Palestina:**

65 dar tal-Kustodja qegħdin jilqgħu lir-rifuġjati u għadd ta' 1,400 rifuġjati oħra qegħdin f'kera ieħor li tħallsu t-Terra Santa; mijiet ta' familji u eluf ta' rifuġjati għandhom il-ħtiġijiet tagħhom kollha mill-Kustodja ta-Terra Santa.

**Lill-Pellegrini:**

Barra minn dan li għedna, il-Kustodja tat-Terra Santa torganizza Pellegrinaġġi għall-Art Imqaddsa mid-dinja kollha, tgħin lill-pellegrini fiż-żjajjar tas-Santwarji u lilhom tilqa' u tpaxxi fit-8 Djar (Casenove) tagħha.

---

**Cum permissu Superiorum et auctoritatis Ecclesiasticae.**